**Sinjuri u sinjuri,**

**Nilqgħukom magħna llejla taħt din it-tinda biex tassistu għall-kunċert vokali u strumentali mill-*University of Malta Junior College Orchestra* taħt id-direzzjoni tas-Surmast Manoel Pirotta.**

**Din l-orkestra twaqqfet fl-1998 u għal dawn l-aħħar 15-il sena hija tat 'il fuq minn 250 kunċert, uħud minnhom f'pajjiżi Ewropej, fosthom l-Italja, il-Ġermanja, Spanja, u Franza. Ir-repertorju tagħha huwa wieħed vast ħafna u li jinkludi xogħlijiet klassiċi, u oħrajn popolari. Daqqet tista' tgħid f'kull rokna ta' Malta u Għawdex, minn swali sa lukandi lussużi, minn knejjes sa teatri l-aktar rinomati. Hija ħadet sehem ukoll f'*festivals*, uħud minnhom fuq skala nazzjonali. Dis-sena qegħda tiċċelebra l-15-il sena anniversarju mit-twaqqif tagħha, u għal dan il-għan ser tkun qed toħroġ l-ewwel CD tagħha fir-rebbiegħa tal-2014. Għaldaqstant, kull donazzjoni min-naħa tagħkom ser tkun qed tmur biex jinġabru aktar fondi għalbiex din il-ħolma tagħna ssir realtà!**

**Nifthu din is-serata billi nisimgħu:**

**PART I**

**Marċ tal-Milied** – Manoel Pirotta (tw. 1962)

**Dan ix-xogħol huwa mibni fuq marċ tradizzjonali Malti u jagħmel użu minn żewġ għanjiet magħrufin tal-Milied, *Ejjew O Nsara* għall-ewwel taqsima, u *Ejjew la ddumux* bħala triju.**

**Sanctuary of the Heart (Méditation Religieuse)** – Albert W. Ketèlbey (1875-1959)

**Meta Ketèlbey ġie biex jikteb dan ix-xogħol fl-1924 ried ipenġi stampa ta' pellegrin jiġġerra waħdu f'art barranija qed jisthajlu jerġa' jisma' dik il-melodija ta' meta kien għadu daqsxejn ta' tfajjel. Dawn il-memorji mqanqlin minn ħsebijietu jnisslu faraġ f'qalb l-imsejken pellegrin li jkun safa mkeċċi minn art twelidu.**

**Three Songs for Christmas** - Various

**Il-*medley* fih l-għanjiet li ġejjin: J*oy to the world* (Antioch); (b) *Hark! The herald angels sing* (Mendelssohn), u; (ċ) *What child is this*, għanja antika tradizzjonali Ingliża li tissemma minn Shakespeare bl-isem ta' *Greesleeves*. L-arranġament orkestrali huwa ta' Manoel Pirotta.**

STEFAN

**Sleigh Ride** K.605, No.3 – Wolfgang Amadeus Mozart (1756-91)

**Sliegh Ride huwa wieħed mill-aktar xogħlijiet popolari li ħarġu mill-pinna ta' Mozart. Xi ħaġa mhix tas-soltu, u li minnha tlaqqam dax-xogħol, huwa l-mod oriġinali li fih inkiteb għax minbarra s-soltu orkestrina, il-kompożitur idaħħal ukoll xi strumenti li soltu jdoqquhom it-tfal.**

TRIO MONTANARO

**PART II**

**How the Grinch stole Christmas! –** Albert Hague (1920-2001)

**Dr Seuss kien iħobb jitkeb ħafna kotba sbieħ għat-tfal mimlijin stampi fosthom, *How the Grinch stole Christmas!* fl-1957. Ħafna snin wara kien ħareġ film bl-istess isem u li fih kien ħa sehem Jim Carrey bħala Grinch.**

**Mille Cherubini in Coro** – Franz Schubert (1797-1828)

**Għalkemm din it-taħnina li sejrin nisimgħu kien kitibha Franz Schubert f'Novembru tal-1816, hija aktar magħrufa bit-titlu Taljan wara li kien sar arranġament tagħha għall-vuċi u orkestra minn Alois Melichar.**

**Gesu' Bambino** – Pietro Alessandro Yon (1886-1943)

**Din il-għanja tal-Milied ukoll ġejja mill-Italja u nkitbet fl-1917. Ġiet tradotta għall-Ingliż minn Frederick H. Martens, filwaqt li l-melodija u l-kliem tar-ritornell huma meħudin mill-għanja ferm popolari, *Adeste Fideles*.**

STEFAN

**Cantique de Noël** – Adolphe Adam (1803-56)

***O Holy Night* hija għanja magħrufa sew mal-Milied u miktuba fl-1847 fuq poeżija Franċiża ta' Placide Cappeau (1808-77) li kien poeta u negozjant tal-imbejjed fl-istess ħin! Kien il-kappillan tar-raħal stess li talbu biex jiktiblu għanja tal-Milied.**

TRIO MONTANARO

**PART III**

**Minuet and Trio** – Joseph Haydn (1732-1809)

**Haydn huwa kompożitur Awstrijakk ta' ħafna sinfoniji u kwartetti għall-korda. Fil-fatt, kien hu stess li stabbilixxa l-kunċett 'klassiku' ta' dawn iż-żewġ tipi ta' mużika. Il-Minwett u t-Triju huma meħudin mit-tielet moviment tas-Sinfonija**

**nru 94, komunement magħrufa bħala 'Sorpriża', komposta minnu fl-1791 – imlaqqma hekk, għax fit-tieni moviment hemm akkordju li jindaqq bil-qawwi apposta u li hu intiż biex jaħsad lill-udjenza li forsi tkun qed tongħos xi ftit fuq il-pultruna.**

**Christmas Lullaby** – John Rutter (b. 1945)

**John Rutter huwa kompożitur Ingliż li jħobb jikteb mużika għall-kant. Fil-fatt, din il-għanja tal-Milied oriġinarjament kienet inkitbet għall-vuċijiet soli għall-akkumpanjament tal-orgni.**

**Halleluyah** – Leonard Cohen (b. 1934)

**Għall-ewwel, din il-kanzunetta kienet ħarġet fuq l-album *Various Positions* ta' Cohen fl-1984. Fil-verżjoni oriġinali tagħha hija tagħmel użu mill-valz u l-mużika gospel fl-istess waqt.**

STEFAN

**A Marshmallow World** – Peter De Rose (1900-1953)

**Din il-għanja tal-Milied kienet inkitbet fl-1949 fuq kliem ta' Carl Sigman. U għalkemm ġiet irrekordjata kemm-il darba minn artisti differenti, Bing Crosby kien l-ewwel wieħed li għamel *hit* biha.**

TRIO MONTANARO

**… U b'din l-aħħar kanzunetta niġu fi tmiem dan il-kunċert li kellna mħejji għalikom llejla.**

**Jiena, Stefan Camilleri, f'isem il-*University of Malta Junior College Orchestra* taħt id-direzzjoni tas-Surmast Manoel Pirotta, nixtiequ l-Milied it-tajjeb lilkom u l-għeżież kollha tagħkom.**